Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9101 — ExxonMobil/Qatar Petroleum/ExxonMobil Exploration Argentina/Mobil Argentina)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 329/04)

1. Fl-10 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Exxon Mobil (l-Istati Uniti),

— Qatar Petroleum (il-Qatar),

— ExxonMobil Exploration Argentina SRL (l-Arġentina), li tappartjeni għal ExxonMobil,

— Mobil Argentina SA (l-Arġentina), li tappartjeni għal ExxonMobil,

Exxon Mobil u Qatar Petroleum jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' ExxonMobil Exploration Argentina SRL u Mobil Argentina SA.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Exxon Mobil hija attiva fid-dinja kollha fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali; ir-raffinar u l-bejgħ ta' prodotti taż-żejt raffinat; l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' diversi prodotti kimiċi; u l-ġenerazzjoni tal-enerġija,

— Qatar Petroleum hija attiva madwar id-dinja kollha fl-esplorazzjoni, it-tħaffir u operazzjonijiet ta' produzzjoni, trasport, ħażna, bejgħ u bejgħ ta' żejt mhux raffinat, prodotti rfinati, gass naturali likwifikat (LNG), petrokimiċi u fertilizzanti,

— ExxonMobil Exploration Argentina SRL u Mobil Argentina SA huma kompletament proprjetà tal-affiljati ta' ExxonMobil fl-Arġentina, li jippossjedu u joperaw iż-żona tax-xale f'Vaca Muerta, fil-provinċja ta' Neuquen fl-Arġentina u huma attivi fl-esplorazzjoni, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ taż-żejt mhux maħdum u l-gass fl-Arġentina.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9101 — ExxonMobil/Qatar Petroleum/ExxonMobil Exploration Argentina/Mobil Argentina

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Merger Registry
B-1049 Brussels
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.